30 ta' Ġunju, 1948

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Emma Ciappara *versus* Salvatore Camilleri (*)

## Retratt — Permuta — Simulazzjoni.

*Mhux ojetata mill-liġi kull kontrattazzjoni, bħalma hija permuta, li ssir biex jiġi eluż id-dritt ta' retratt li xi ħadd jista' jkollu fuq il-fond li jifforma l-oġġett tal-kontrattazzjoni; purkè dik il-kontrattazzjoni tkun vera u reali, u mhux simulata.*

*Biex permuta li tkun saret b'dan l-iskop tiġi ritenuta vera u reali hemm bżonn li l-fond riċevut bħala korrispettiv tal-fond li fuqu hemm kwistjoni ta' rkupru jkun daħal fid-dominju ta' min ikun akkwistah.*

*Dak l-akkwirent però ma hux tenut iżommu għalih dak il-fond hekk akkwistat, lanqas għal mument wieħed. Huwa jista' jiddisponi minnu, bi profitt jew mingħajr profitt; u jista' wkoll jipprepara ruħu minn qabel biex, wara li jakkwistah, jiddisponi minnu; u dan anki bl-ajjut tal-kompermutanti l-ieħor. Dak li huwa meħtieġ biss huwa li l-permuta tkun vera u reali, jiġifieri li l-fond akkwistat bħala korrispettiv ikun tassew daħal fil-patrimonju tiegħu.*

*L-indizji tas-simulazzjoni mhux biss iridu jkunu gravi, preċiżi u konkordanti, imma jridu jkunu wkoll tali li kontra tagħhom ma jkunx hemm indizji oħra li jiġġeneraw dubju li l-att sta' kien veru u reali.*

*Fil-każ preżenti kien hemm indizji gravi ta' simulazzjoni; però din ma ġietx akkolta billi kien hemm indizji oħra li kienu jiġġeneraw dan id-dubju.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li ppremettiet illi b'kuntratt għand in-Nutar Dr. Antonio Galea tal-4 ta' Ottubru 1946 il-konvenut, bil-pretiż titolu ta' permuta, akkwista minn għand Carmelo Zammit u oħrajn 8/13 il-parti indiviżi tad-dar Strada Brittanica (il-lum Britannia Street), numri 13 u 14, C. Luca, libera u franka, liema kwota ġiet mill-partijiet valutata £153. 16. 11 u 1/3, u bħala korrispettiv assenja lill-imsemmi Carmelo Zammit u oħrajn 3/16 indiviżi tad-dar Ħal Luqa, Strada San Giorgio, numri 42, 43 u 44, libera u franka, u dana bl-istess valur ta' £153. 16. 11 u 1/3; u illi b'ċedola tat-3 ta' Mejju 1947 hija rkuprat b'titolu ta' konsorzju, tal-konsangwineità u tal-viċinanza, l-imsemmija kwota tad-dar Britannia Street, *numri 13 u 14*, Luqa, billi dik il-permuta hija fittizja u nulla unikament biex tostakola d-dritt ta' rkupru kompetenti lilha; infatti l-imsemmi Carmelo Zammit u oħrajn reġgħu biegħu l-kwota tal-fond Strada San Giorgio, lilhom assenjat, lil Pietro Camilleri, ħu l-konvenut, fl-atti ta' l-istess nutar, fl-istess ġurnata u bl-identiku prezz (dok. C); talbet (1) li jiġi dikjarat u deċiż li l-permuta fuq imsemmija hija simulata u fittizja, u fir-realtà tikkostitwixxi trasferiment b'titolu ta' bejgħ, u (2) li konsegwentement *jiġi dikjarat validu r-retratt eżerċitat minnha biċ*-ċedola tat-3 ta' Mejju 1947; salvi drittijiet oħra. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-17 ta' Mejju 1947;

*Omissis:*

Tikkonsidra;

Illi in forza ta' kuntratt in atti Dr. Antonio Galea ta' l-4 ta' Ottubru 1946 il-konvenut akkwista b'titolu ta' permuta minn għand Carmelo Zammit...........;

Illi fl-istess jum, u kif saret il-permuta fuq imsemmija,

---

(*) Konfermata fl-Appell, 10. 6. 1949.

l-imsemmi Carmelo Zammit proprio et nomine biegħ u ttrasferixxa l-kwota tad-dar li kien akkwista bl-imsemmi titolu ta' permuta, lil Pietro Paolo Camilleri, ħu l-konvenut........... Jirriżulta mix-xhieda illi dana Pietro Paolo Camilleri ta lill-imsemmi Zammit £10 oħra, li però ma tniżżlux fil-kuntratt, bħala parti mill-prezz;

Illi l-attriċi kkunsidrat bħala simulata l-permuta fuq indikata, u b'ċedola ta' rkupru u depożitu numru 28 ta' l-1947 irkuprat it-8/13 il-parti indiviżi tad-dar fi Strada Britannica, b'titolu ta' konsorzju, u b'titolu ta' konsangwineità, u qiegħda titlob b'din il-kawża illi dik il-permuta tiġi dikjarata simulata u fittizja, u li dik il-permuta fir-realtà tikkostitwixxi trasferiment b'titolu ta' bejgħ, u konsegwentement li jiġi dikjarat validu l-imsemmi retratt minnha eżerċitat;

Tikkunsidra;

Illi jirriżulta soddisfaċentement pruvat li l-imsemmi Zammit u l-konvenut irrikorrew għall-imsemmija permuta sabiex jiġi eluż id-dritt tar-retratt ta' l-attriċi;

Illi però mhix vjetata mill-liġi kull kontrattazzjoni ntiża biex jiġi eluż id-dritt tar-retratt li xi ħadd jista' jkollu fuq il fond li jifforma l-oġġett tal-kontrattazzjoni, purkè dik il-kontrattazzjoni tkun vera u reali, u mhux simulata;

Illi għalhekk f'dan il-każ għandu jiġi eżaminat jekk il-permuta fuq indikata hix vera u reali, jiġifieri jekk il-fond, ossija porzjoni ta' fond, assenjat mill-konvenut lill-imsemmi Zammit daħalx fil-patrimonju, u kwindi fid-dominju ta' dana Zammit, jew ġietx fittizjament magħmula in frodi tad-dritt ta' l-attriċi, b'mod li fil-fatt l-imsemmija porzjoni ta' fond qatt ma daħlet fid-dominju ta' l-imsemmi Zammit;

Illi anki jekk Zammit biegħ il-fond fl-istess ġurnata li fiha huwa akkwistah b'titolu ta' permuta, u bl-istess prezz, anki jekk hu kien ippreparа ruħu minn qabel biex jiddisponi minn dak il-fond, u anki jekk biex jiddisponi minnu hu kellu l-għajnuna tal-konvenut, il-permuta għal dawn ir-raġunijiet biss ma tistax tiġi attakkata u kunsidrata bħala simulata; għaliex hu ritenut fid-dottrina u fil-ġurisprudenza illi fil-każ li wieħed jirrikorri għall-permuta biex jeludi d-dritt tar-retratt, il-permuta ma għandhiex tiġi ritenuta simulata sempliċement għaliex wieħed mill-permutanti jbiegħ il-ħaġa li tkun ġiet lilu

assenjata mill-kompermutant l-ieħor, sija qabel kemm wara l-kuntratt tal-permuta. Il-permutant mhux tenut iżomma il-ħaġa għalih, lanqas għal mument wieħed; u biex jiddisponi minnha bi profitt, jew mingħajr profitt, jista' anki jipprepara ruħu minn qabel l-akkwist, u jista' wkoll jiġi ajutat mill-kompermutanti sabiex jiddisponi mill-ħaġa. Dak li hu meħtieġ, kif intqal fuqu, hu biss li l-permuta tkun vera u reali, jiġifieri illi l-permutanti jittrasferixxu realment lill-kompermutanti l-oġġett li jirrappreżenta l-kontrakkambju, b'mod li jiġieghel lil dak l-oġġett jidħol fil-patrimonju, u kwindi fid-dominju, tal-kompermutanti;

Illi però, fil-każ preżenti, il-porzjoni tal-fond li ġiet assenjata mill-konvenut lill-imsemmi Zammit ġiet mibjugħa lil hu l-konvenut. l-imsemmi Pietro Paolo Camilleri, u jirriżulta li dana Pietro Paolo Camilleri kien qiegħed jidher għall-konvenut biex jakkwista minn għand Ugo Sapiano porzjoni oħra tal-fond fi Strada Britannica, u li meta dan Ugo Sapiano sar jaf li Pietro Paolo Camilleri kien qiegħed jittratta mhux għalih, imma għall-konvenut, u osservalu li fil-waqt li kien jidher li sejjer jixtri hu fil-fatt kien sejjer jixtri għal ħadd ieħor. Pietro Paolo Camilleri rrispondieh li huh (il-konvenut) kien japprova dak kollu li jagħmel hu;

Illi dawn iċ-ċirkustanzi, uniti maċ-ċirkustanzi l-oħra li ġà ssemmew—dawk iċ-ċirkustanzi li weħedhom mhumiex suffiċjenti biex il-permuta tiġi attakkata—huma ndizi ta' simulazzjoni;

Tikkunsidra;

Illi mix-xhieda tal-konvenut u minn dik ta' Pietro Paolo Camilleri jirriżulta illi dan kien ilu jitlob lill-konvenut biex ibegħlu s-sehem mid-dar li l-konvenut assenja lil Carmelo Zammit, u l-konvenut ma riedx, għaliex per mezz ta' l-istess dar ried jakkwista post għar-residenza ta' bintu. Dan hu konfermat mix-xhieda ta' Antonio Micallef De Caro, għalkemm minn din ix-xhieda ma jirriżultax sewwa jekk ix-xewqa ta' l-imsemmi Pietro Paolo Camilleri li jakkwista l-imsemmija porzjoni minn għand il-konvenut kienetx minn qabel ma bdew it-trattativi bejn il-konvenut u l-imsemmi Zammit għall-permuta fuq indikata, jew wara.........; però x-xhud qal ukoll li Pietro Paolo Camilleri kien isemmi li l-konvenut ma riedx

ibegħlu għaliex ma riedx flus, imma ried xi fond iehor minfloku—dak li. jekk ma jurix preċiżament li t-talba ġiet magħmula minn Pietro Paolo Camilleri qabel, juri li dik it-talba biex jakkwista l-immemmija kwota ta' dar għamilha tassew lill-konvenut; u juri li dan Pietro Paolo Camilleri ried tabilħaqq, u mhux biċ-ċajt, jakkwista minn għand ħuh dik il-kwota ta' bini;

Illi, li kliem iehor, non ostanti l-indizji fuq aċċennati—indizji anki gravi—id-depożizzjonijiet tal-konvenut, ta' Pietro Paolo Camilleri u ta' Antonio Micallef De Caro, iħallu dubju li tassew Pietro Paolo Camilleri ried jakkwista l-porzjonijiet tal-fond li l-konvenut assenja lil Zammit; u jekk hu approfitta mill-okkażjoni tal-permuta li saret bejn il-konvenut u l-imsemmi Zammit, dana biss ċertament ma għandux imur kontra tiegħu biex igagħlu jitlef dak li leġittimament akkwista. Jekk hu hekk, il-permuta hija vera u reali, għaliex il-fond għadda fid-dominju ta' Zammit, u mbagħad mid-dominju ta' dana għadda fid-dominju ta' Pietro Paolo Camilleri. Dan id-dubju għandu jmur kontra s-simulazzjoni; għaliex, kif tgħallem id-dottrina, fis-simulazzjoni a skop ta' frodi l-indizji mhux biss għandhom ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, imma lanqas ma għandu jkun hemm kontra tagħhom indizji li jiġġeneraw dubju li l-att seta' kien veru u reali;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi t-talbiet ta' l-attriċi, u in vista taċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ tordna illi l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-reġistru jitħallas minn għand l-attriċi.

---